# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sebgha u Tletin laqgha tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgha 28 ta' Mejju 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Hamsa w nofs ta' filghaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *Skużat*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## 1. *Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li s-Sur Dominic Spencer jkun skużat minħabba raġunijiet personali. Is-Sur Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 2. *Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgha u Tletin Laqgha tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgha 16 ta' April 2014*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Tletin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju 2014

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq dawn il-minuti s-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. Komunikat mis-Sindku

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsilliera rigward l-andament tal-laqgħa li l-Kunsill kellu llum mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Stefan Buontemp. Huwa ta' nformazzjoni dwar xi punti li ġew diskussi fosthom dwar proġetti li kienu ġew approvati mill-Gvern preċedenti u li qatt ma saru bħal Triq il-Ħaddiem fi Spencer Hill u Triq it-Tiġrija ħdejn il-BOV. Is-Sindku kompla jgħid li waqt din il-laqgħa intalbet ukoll l-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari rigward id- devoluzzjoni tal-Klabb tal-Boċċi.

## 5. Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis-17 t'April sat-28 ta' Mejju 2014.

5.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill japprova li jingħata dawn is-servizzi ta' Reklamar wara li l-Kunsilliera preżenti formalment ikkonfermaw li dawn ir-riklami għandhom jingħataw:

Lis-Soċjeta Mużikali Trinita' Qaddisa għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250),
Lill-Għaqda Kummissjoni Nar ta' l-istess Soċjeta' għas-somma ta' mitt ewro (€100),
Lill-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina għas-somma ta' mija w ħamsin ewro (€150),
Lill-Parroċċa Ssma Trinita' Qaddisa għas-somma ta' mija w ħamsin ewro (€150),

Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

5.2 Għar-rigward ta' Funtani fi Spazji Pubbliċi s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Amministrazzjoni tagħat id-dettalji tal-Funtana li tinsab fi Ġnien Belveder sabiex tiġi rranġata mill-Gvern Ċentrali sabiex tkun tista' titħaddem u titgawda mill-pubbliku lokali . Is-Sur Joseph Cachia ssekonda . Il-Vot kien unanimu .

5.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab għall-attenzjoni r-risposta li Dr Abigail Critien għan-nom tal- Kunsill wieġbet għat-talba ta' spejjeż li skond dan l-individwu talab lill-Kunsill jħallas minħabba ħsarat li ġarrab fil-karozza tiegħu meta kien għaddej fi Triq it-Tiġrija.

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-Kunsill japprova li huwa jattendi għal kors dwar Public Procurement organizzat minn Ansek għas-somma ta' erbgħin ewro (€40). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

5.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-korrispondenza l-oħra tiġi ikkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 6. Schedule of Payments 05/2014

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Joseph Cachia. Il-vot kien unanimu.

## 7. Purchase Order 3759- 3778

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3759 sa 3778 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq l-ordnijiet tax-xogħol, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. Purchase Request 2752 - 2766

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2752 sa 2766 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9 Restawr ta' Shelter ta' Triq Santa Rita.

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex dan is-shelter jiġi mnaddaf mill-grupp ta' ħaddiema mill-kumpanija IPSL li bħalissa qed jaħdmu fil-Lokalita' tagħna dejjem jekk kemm il-darba il-kumpanija taċċetta li tqabbad lill-ħaddiema tagħha jagħmlu dan ix-xogħol. Ix-xogħol jikkonsisti f'dawl adekwat u l-egħluq ta' dan is-shelter sabiex ma jergax jakkumula żibel fih mit-triq. Il-Kunsill għandu jipprovdi kull materjal jew skip neċessarji biex dan ix-xogħol jitwettaq fl-iqsar żmien possibli. Jekk kemm il-darba l-kumpanija IPSL ma taċċettax li tagħti dan is-servizz il-Kunsil jitlob li jqabbad kuntrattur privat. Wara li x-xogħol jitlesta l-Kunsill għandu jagħti permess sabiex dan is-shelter ikun jista' jiġi utilizzat mill-Għaqda storika Kulturali Marsa. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. Monument ta' egħluq il-Mitt sena tal-Parroċċa.

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippreżenta l-forma tal-Monument li jfakkar l-egħluq il-Mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa Trinita' Qaddisa bil-modifikazzjonijiet li talab il-Kunsill f'seduti preċedenti. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sindku ppropona li l-unika modifikazzjoni addizjonali li wieħed jista' jinnota u li għandha ssir hija fil-wiċċ tal-patri. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-bust kif ippreżentat b'din il-modifika addizzjonali u talab lill-Kunsill jipproċedi biex japplika lill-Awtoritajiet sabiex meta jitlesta x-xogħol mill-Artist jiġi mpoġġi fi Triq Balbi. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Tabelli ta' nformazzjoni.*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill japprova tabelli ta' nformazzjoni ta' l-Stainless Steel u dan billi l-Kunsill qed jhejji pjanta tal-Lokalita' bl-informazzjoni neċessarja. B'dan il-mod it-tabelli jservu bħala nformazzjoni tal-post indikat fuq l-istess Mappa tal-Lokalita' Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Suq miftuħ.*

12.1 Wara diskussjoni fuq is-suġġett msemmi fejn fost l-oħrajn is-Sur Noel Scerri tenna jgħid li fil-preżent huwa jaqbel li dan is-suq jsir fil-Ġnien Spencer u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmel il-pressjoni tiegħu biex dan il-Ġnien jiġi rranġat mit-Transport Malta biex jservi għal dan il-għan fosthom li l-passaġġi jsiru bil-konkos u jsir dawl adekwat kif kien oriġinarjament fost l-oħrajn. Hu żied jgħid li wara li l-proġett fil-Menqa jitlesta mill-Gvern Ċentrali l-Kunsill jkun jista' jikkunsidra jekk dan il-monti jiġhix trasferit f'din iż-żona minflok fil-Ġnien Spencer .

12.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jaħseb li dan is-suq għandu jibda jitella' minn issa fil-Menqa u ma jistennhiex li jitlesta l-Ġnien Spencer u għalhekk jitlob li l-Kunsill japprova dan is-suq miftuħ fil-Menqa li jkun b'differenza fejn jarmaw bejjiegħa ta' artiġjanat , fjuri, pitturi u għodda antiki fost l- oħrajn.

## *13. Manutenzjoni ta' Gazebo*

13.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiem assenjat mall-Kunsill ikkonferma li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-gazebo fil-playingfield ta' Bridgwater fi Ġnien 6 t'Awissu huwa kapaċi jwettqu u għal dan il-għan is-Sindku propona li l-Kunsill jixtri l-materjal neċessarju kollu biex jsir dan ix-xogħol minnufih matul il-ġimgħat tas-Sajf. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Bankina ta' Sqaq l-Ajkla.*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' Sqaq l-Ajkla li tinsab fi stat ħażin ħafna liema spiża relatata ma għandhiex teċċedi s-somma ta' tlett elef ewro (€3000). Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *15. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera.*

15.1 Ħadd mill-Kunsilliera ma ressaq mistoqsijiet.

## *16. Aġġornament tal-Laqgħa*

16.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2014 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv